**Kunsill Lokali Pembroke**
Triq Alamein
Pembroke, PBK 1776,
Malta.
**Tel** : (+356) 2137 2111 **Fax** : (+356) 2137 2555
**Web page** : www.pembroke.gov.mt
**e-mail** : pembroke.lc@gov.mt

**Pembroke Local Council**
Alamein Road
Pembroke, PBK 1776,
Malta.
**Tel** : (+356) 2137 2111 **Fax** : (+356) 2137 2555
**Web page** : www.pembroke.gov.mt
**e-mail** : pembroke.lc@gov.mt

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Pembroke

## SEBA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 05/2017

**It-Tlieta 25 ta' April, 2017**

Il-Kunsill Lokali Pembroke ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq Alamein, Pembroke, fil-5:30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Dean Hili – Sindku
Raymond Lanzon – Viċi Sindku
Mark Causon – Kunsillier
Charles Cesare – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat **(Dok. 1)**

**ASSENTI**
Ma kien hemm ħadd assenti.

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Kevin Borg – Segretarju Eżekuttiv
Jesmar Scicluna - Ambaxxatur Lokali għaż-Żgħażagħ
L-Accountant tal-Kunsill Romina Perici Ferrante

## Minuti

Is-Sindku Dean Hili ppresjeda l-laqgħa.

## 5.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji.

5.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-Kunsillier Evelyn Vella Brincat talbet li tiġi skużata.

5.1.2 Il-Kunsillier Mark Causon xtaq ikun jaf jekk ingħatatx xi tip ta' raġun u s-Sindku Dean Hili wieġeb li fl-email ma kien hemm ebda raġuni ta' skuża.

## 5.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti 04/2017.

5.2.1 Is-Sindku Dean Hili ppropona l-approvazzjoni tal-Minuti referenza 04/K7/2017 kif ippreżentati.

5.2.2 Il-Viċi Sindku Raymond Lanzon issekonda.

5.2.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

5.2.4 Is-Sindku Dean Hili ppropona sospenzjoni tal-aġenda biex items 5.6 u 5.11 jiġu diskussa qabel il-kumplament tal-items tal-aġenda.

5.2.5 Il-Viċi Sindku Raymond Lanzon issekonda.

5.2.6 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 5.6 Rapport Finanzjarju 2017 Kwart 1.

5.6.1 Is-Sindku Dean Hili ppreżenta lill-Kunsill ir-rapport finanzjarju għall-perjodu Jannar – Marzu 2017 **(Dok 2)** fejn stieden lill-Accountant biex tagħti l-ispjega tagħha. Wara l-ispjega tal-accountant, il-kelliem ippropona l-approvazzjoni tar-rapport kif ippreżentat.

5.6.2 Il-Kunsillier Mark Causon issekonda.

5.6.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 5.11 Emendi għall-Financial Statements għas-sena finanzjarja 2016.

5.11.1 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza mingħand l-Awdituri fejn talbu li jsiru aġġustamenti għall-Financial Statements għas-sena 2016. Il-kelliem irrimarka li għalkemm kien hemm aġġustamenti proposti li l-Kunsill ma qabilx magħhom, dawn kellhom jiġu aċċettata. Il-kelliem ippropona li r-rapport jiġi approvat kif ippreżentat. **(Dok. 3)**

5.11.2 Il-Kunsillier Mark Causon issekonda.

5.11.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 5.3 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri.

5.3.1 Is-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li l-Kunsillier Mark Causon kien bagħat klarifika dwar il-Minuti 04/2017 item 4.4.2. **(Dok 4)**

5.3.2 Is-Sindku Dean Hili wieġeb li dwar il-proposta li kienet saret mill-Kunsill xi xhur ilu rigward landscaping fil-viċinanzi tal-proġett li qiegħed isir mill-Ministeru għall-Familja u Solidarjeta` Soċjali, jidher ċar mill-komunikat li sar permezz tat-telefon u anke mill-emails sussegwenti, li l-Ministeru ma jixtieq jibda l-ebda proġett jew forma ta' infieq ieħor qabel ma jitlesta l-proġett inizjali bid-disinji u l-budget li diġa ġie allokat, minkejja li ma jeskludux il-possibilita` li jsir xogħol iehor fil-ġejjieni. Dwar it-tħawwil tas-siġar fiż-żona ndikata, il-kelliem fakkar lill-Kunsillier Mark Causon illi jaf daqsu li saret laqgha ftit tal-ġimgħat ilu, eżattament nhar l-14 ta' Marzu 2017 mal-kollega tiegħu is-sur Charles Camilleri mill-PARKS fil-preżenza tas-sur Causon stess, fejn dan kien xettiku li fiż-żona ndikata mill-Kunsillier Mark Causon jitħawwlu s-siġar peress li hemm il-blat fil-wiċċ u prattikament m'hemm ebda ħamrija u għalhekk impossibbli li jinżergħu s-siġar.

5.3.3 Il-Kunsillier Mark Causon staqsa x'sar mill-laqgħa mal-PA. **(Dok. 4)**

5.3.4 Is-Sindku Dean Hili wieġeb li rigward il-laqgha mal-PA, jekk kien qiegħed jifhem li kien qiegħed jirreferi għal-laqgħa li talab il-Kunsill dwar l-għoli tal-bini, irrimarka li Il-Kunsillier Mark Causon kien isegwi l-emails bħal kull membru tal-Kunsill u għalhekk jimmaġina li huwa konxju tal-fatt li din ġiet posposta darbtejn, mhux fuq talba tal-Kunsill u issa hija skedata għal nhar il-Ġimgħa 12 ta' Mejju 2017.

5.3.5 Peress li ma kienx hemm aktar mistoqsijiet, is-Sindku Dean Hili għadda għall-item li kien imiss.

## 5.4 Komunikazzjoni mis-Sindku.

5.4.1 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/1132/17/I** fejn Galea Cleaning Solutions JV talbu li jingħataw konċessjoni ta' 12-il ġurnata fis-sena (li jinħadmu nhar ta' Sibt) biex ikunu jistgħu ilaħqu max-xogħol tal-qtugħ tal-ħaxix li jitla' mal-bankini. Wara diskussjoni li saret, is-Sindku Dean Hili ppropona li jekk hemm qbil din it-talba għanda tiġi milqugħa.

5.4.2 Il-Kunsillier Mark Causon issekonda.

5.4.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

5.4.4 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/1131/17/I** dwar laqgħa li saret mas-sur Joe Farrugia vis-a-vis wirja b'konnessjoni mal-inġiniera Maltin li kienu stazzjonata f'Pembroke fi żmien l-Ingliżi. Il-kelliem ippropona li din il-wirja għandha ssir bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill fejn żied li għandu jiġi printjat poster relatat u jitqassam fid-djar tal-lokal, wara li s-sur Farrugia jipprovdilna d-disinn tiegħu.

5.4.5 Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

5.4.6 Il-Kunsill qabel unanimament.

5.4.7 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/1089/17/I** fejn ippropona li l-Kunsill jilqa' l-istima ta' Galea Curmi Engineering għall-prezz

ta' €250.00 + il-VAT biex jipprovdi lill-Kunsill l-ispeċifikazzjoni għad-dokument tat-tender għad-dawl dekorattiv għal żmien il-Milied.

5.4.8 Il-Viċi Sindku Raymond Lanzon issekonda.

5.4.9 Il-Kunsill qabel unanimament.

5.4.10 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/1066/17/I** fejn informa lill-Kunsill li Ms. Rebecca Baldacchino mhux f'pożizzjoni l'iġġedded il-kuntratt u għalhekk ippropona biex fil-ġimgħat li ġejja tinħareġ Expression of Interest biex tintgħażel persuna ġdida.

5.4.11 Il-Kunsillier Mark Causon issekonda.

5.4.12 Il-Kunsill qabel unanimament.

5.4.13 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/1321/17/I** dwar Ċirkulari Numru 10/2017 - L-Immaniġġjar tal-Iskart Elettriku u Elettroniku (l-WEEE) miġbura mill-Kunsilli Lokali maħruġa mid-DGL fejn ippropona li l-Kunsill ma jarax il-bżonn u ħtieġa li tali servizz ikun mar-Reġjun meta l-Kunsill diġa kien iltaqa' maż-żewġ entitajiet liċenzjata jiġifieri GreenMT u GreenPak fejn eventwalment il-Kunsill kien approva li jaċċetta l-proposta ta' GreenPak biex joffru dan is-servizz mingħajr ħlas lill-Kunsill.

5.4.14 Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

5.4.15 Il-Kunsill qabel unanimament.

5.4.16 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/1320/17/I** dwar Regional Economic, Social and Cultural Plan Reġjun Tramuntana (ESC) fejn ippropona li kull min jixtieq iressaq xi emendi għar-rapport għandu jinforma lis-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg ħalli jinforma lir-Reġjun.

5.4.17 Il-Viċi Sindku Raymond Lanzon issekonda.

5.4.18 Il-Kunsill qabel unanimament.

5.4.19 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/1312/17/I** dwar proposta tar-Reġjun Tramuntana biex isir call centre reġjonali fejn jintlaqgħu l-ilmenti kollha tar-Reġjun, fejn ippropona li l-Kunsill ma jaqbel assulatament xejn ma' din il-proposta minħabba li l-Kunsill mhux tal-opinjoni li jkun moqdi aħjar minn sistema ċentralizzata peress illi l-Kunsill huwa konvint li kull ilment dwar ħaġa jew oħra fil-lokalita' tkun tista' tiġi ndirizzata mod aktar effikaċi mill-amministrazzjoni tal-Kunsill li ta' kuljum ikunu fil-lokal.

5.4.20 Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

5.4.21 Il-Kunsill qabel unanimament.

5.4.22 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/1301/17/I** dwar talba mingħand AU4MC fejn talbu l-permess tal-Kunsill biex nhar is-6 ta' Ġunju 2017 jorganizzaw attvita' soċjali fil-karkeġġ li hemm bejn il-ground ta' Pembroke Athleta u l-bajja ta' Pembroke, fejn ippropona li l-Kunsill m'għandux isib oġġezzjoni għal din it-talba li għandha għan filantropiku u ta' fund raising.

5.4.23 Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

5.4.24 Il-Kunsill qabel unanimament.

5.4.25 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/1346/17/I** dwar talba li għamel is-sur Michael Aquilina fejn talab li jindokra biċċa art li hemm biswit il-propjeta' tiegħu fejn ippropona li l-Kunsill ma sibx oġġezzjoni basta s-sur Aquilina ma jkollu ebda tip ta' pussess u/jew pretenzjonijiet fuq is-sit, immaterjalment minn kemm idum igawdi l-użu tagħha, kif ukoll li ma jista' jsir ebda żvilupp fuq is-sit.

5.4.26 Il-Kunsillier Mark Causon issekonda.

5.4.27 Il-Kunsill qabel unanimament.

5.4.28 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/1350/17/I** dwar l-installazzjon ta' public water dispenser fejn ippropona li l-ewwel magna għandha tiġi proposta li titpoġġa fi Triq Alamein fejn hemm il-letter box.

5.4.29 Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

5.4.30 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 5.5 Rapporti, ilmenti u ordnijiet ta' xogħlijiet.

5.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg ippreżenta lill-Kunsill:

- **Internal Memo 18/2017** - Lista ta' laqgħat li saru bejn laqgħa referenza 04/K7/17 u 05/K7/17. **(Dok. 5)**
- **Internal Memo 19/2017** - Lista ta' works orders maħruġa bejn laqgħa referenza 04/K7/17 u 05/K7/17. **(Dok. 6)**
- **Internal Memo 20/2017** - Lista ta' ilmenti li saru bejn laqgħa referenza 04/K7/17 u 05/K7/17 u li għadhom pendenti. **(Dok. 7)**

5.5.2 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-**Internal Memo 19/2017** dwar works orders maħruġa bejn laqgħa u oħra, fejn ippropona r-ratifikazzjoni tagħhom, liema works orders inħarġu skond l-esiġenzi li kellu l-Kunsill.

5.5.3 Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

5.5.4 Il-Kunsill qabel unanimament.

5.5.5 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-**Internal Memo 20/2017** dwar l-ilment li kien għad hemm pendenti, fejn talab il-kumment tal-membri tal-Kunsill. Il-kelliem ippropona li dwar ilment biex isiru akar tabelli fuq ix-xagħri ħalli n-nies iżommu l-klieb biċ-ċinga, il-Kunsill iħoss li hemm biżżejjed tabelli li jindikaw dan.

5.5.6 Il-Kunsillier Mark Causon issekonda.

5.5.7 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 5.7 Street Light Programme Manager Licence Fee and Maintenance.

5.7.1 Is-Sindku Dean Hili nforma lill-Kunsill li għalissa l-Kunsill għandu jistenna meta ser jinħareġ it-tender kif mitlub mid-DGL u għalhekk il-kelliem

ippropona li ladarba jidher li l-proċess mir-Reġjun Tramuntana ma sarx kif suppost, il-Kunsill m'huwa ser jagħmel ebda ħlas relatat lir-Reġjun.

5.7.2 Il-Kunsillier Mark Causon issekonda.

5.7.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 5.8 Flyer informattiv.

5.8.1 Is-Sindku Dean Hili rrimarka li dan is-suġġett kien ġie pospost mil-laqgħa preċedenti peress li l-Kunsillier Evelyn Vella Brincat (li kienet il-Kunsillier li talbet li jiġi diskuss dan is-suġġett) kienet skużata, illum ma jistax jiġi diskuss peress li reġgħet tinsab skużata.

## 5.9 The Goalkeeper Battle 2017 Annual Event.

5.9.1 Is-Sindku Dean Hili rrimarka li dan is-suġġett kien ġie pospost mill-laqgħa preċedenti peress li l-Kunsillier Evelyn Vella Brincat (li kienet il-Kunsillier li talbet li jiġi diskuss dan is-suġġett) kienet skużata, illum ma jistax jiġi diskuss peress li reġgħet tinsab skużata.

## 5.10 Estenzjoni ta' Tender 03/2015, 04 & 05 & 06/2016, Kwotazzjoni 01 & 02/2016.

5.10.1 Is-Sindku Dean Hili nforma lill-Kunsill li **(1) Tender 03/2015** – Tender for Upkeep Maintenance of Parks Gardens, ser jiskadi fil-11 ta' Novembru 2017 u jista' jiġġedded għall-perjodu ta' sena oħra; **(2) Tender 04/2016** - Tender for Weeding, Sweeping and Cleaning of Urban Roads in an environmentally friendly manner, **(3) Tender 05/2016** - Tender for Weeding Sweeping and Cleaning of Non Urban Roads in an environmentally friendly manner, u **(4) Tender 06/2016** - Tender for Cleaning clearing and grass cutting of Soft Areas in an environmentally friendly manner, ser jiskadu fil-31 ta' Ottubru 2017 u jistgħu jiġġeddu għall-perjodu ta' sena oħra; **Kwotazzjoni 01/2016 -** Cash Collection Services ser jiskadi fil-31 ta' Lulju 2017 u jista' jiġġedded għall-perjodu ta' sena oħra; **Kwotazzjoni 02/2016 -** Maid Services ser jiskadi fit-30 ta' Ġunju 2017 u jista' jiġġedded għall-perjodu ta' sena oħra. Fid-dawl ta' dan il-kelliem ippropona li dawn l-offerti għandhom kollha jiġu mġedda b'terminu ta' sena oħra.

5.10.2 Il-Kunsillier Mark Causon issekonda.

5.10.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 5.12 Triq Arnhem – Talba għal road hump u zebra crossing

5.12.1 Is-Sindku Dean Hili nforma lill-Kunsill li reġgħet saret talba mill-Luxol Sports Club biex togħla aktar ir-road hump li hemm fi Triq Arnhem kif ukoll l'issir zebra crossing fl-istess triq bejn il-ground u l-klabb. Il-kelliem fakkar lill-Kunsill li dan is-suġġett diġa kien ġie diskuss u eżawrit fejn ittieħdet deċiżjoni waqt il-laqgħa tal-Kunsill nhar is-26 ta' Ottubru 2017 referenza Minuti 12/K7/2016, liema deċiżjoni kienet tgħid li *'pedestrian crossing mhuwiex*

*possibbli l'issir peress illi ma hemmx post fejn isiru bankini fuq iż-żewġ naħat tal-crossing skond standards uffiċjali'* kif ukoll kien ġie approvat '*li jsiru t-tabelli li hemm nieqsa fuq il-post inkluż no right turn, speed limit, u oħrajn, kif ukoll jekk ikun hemm qbil mal-Luxol FC, Triq Arnhem għandha terġa' issir kollha One Way direzzjoni minn Triq Alamein lejn Triq Sant' Andrija'*. Il-kelliem żied li dak approvat kien kollu sar.

5.12.2 Fid-dawl ta' dan kollu, il-Viċi Sindku Raymond Lanzon ippropona li l-klabb għandu jerġa' jiġi nfurmat b'dan.

5.12.3 Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

5.12.4 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 5.13 Risk Assessment 2017 Report.

5.13.1 Is-Sindku Dean Hili ppropona li l-Kunsill għandu jara li fejn huwa possibbli, l-maġġoranza tal-punti ndikata fir-rapport għandhom jiġu ndirizzata u għalhekk is-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg għandu jiġi awtorizzat jaġixxi biex jiġu ndirizzata.

5.13.2 Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

5.13.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 5.14 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti.

5.14.1 Is-Sindku Dean Hili ppreżenta l-iskeda tad-dħul u ħruġ. **(Dok. 8 sa 10)**

5.14.2 Wara li l-Kunsilliera raw u skrutinaw il-kontijiet ippreżentati, is-Sindku Dean Hili ppropona l-approvazzjoni tal-kontijiet kollha kif ippreżentata.

5.14.3 Il-Viċi Sindku Raymond Lanzon issekonda.

5.14.4 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 5.15 Mozzjonijiet.

5.15.1 Is-Sindku Dean Hili nforma li ma kienu daħlu ebda mozzjonijiet u għalhekk għadda għall-item li kien imiss.

## 5.16 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

5.16.1 Il-laqgħa ntemmet fis-6:35pm u ġiet aġġornata għal 30 ta' Mejju 2017 fil-5:30pm.

Konfermati, illum 30 ta' Mejju, 2017

**IFFIRMATA**
Avv. Dean Hili
**Sindku**

**IFFIRMATA**
Kevin Borg
**Segretarju Eżekuttiv**